



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Mejju 2022
(OR. en)

8426/22

LIMITE

MED 12
MAMA 58
RHJ 2

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0107 (NLE)

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Fmaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan 2021-2027

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju
li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej
u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda,
u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan 2021-2027**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra¹ (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fl-24 ta’ Novembru 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Mejju 2002.
- (2) Skont il-Ftehim, il-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni stabbilit permezz tiegħu (il-“Kunsill ta’ Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan”) għandu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet għall-finijiet tal-ilħuq tal-oġettivi tal-Ftehim.
- (3) L-Unjoni u l-Ġordan għandhom sħubija b’saħħitha. Il-Ġordan huwa sieħeb ewlieni tal-Unjoni, u l-Unjoni tapprezza ħafna r-rwol importanti ta’ moderazzjoni li għandu l-Ġordan fir-reġjun. Bil-ħsieb li tissaħħaħ aktar ir-relazzjoni solida u multidimensjonali bejn iż-żewġ sħab, ġew identifikati prijoritajiet tas-sħubija sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim u biex jiggwidaw u jinfurmaw lis-sħubija bejn l-UE u l-Ġordan għall-perjodu 2021-2027 (il-“Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan 2021-2027”).

¹ Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra (ĠU L 129, 15.5.2002, p. 3).

- (4) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan għandu jaqbel dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan 2021-2027 matul l-14-il laqgħa tiegħu.
- (5) Ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan, peress li d-deċiżjoni dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan 2021-2027 ser ikollha effetti legali fuq l-Unjoni.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan għalhekk jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fl-14-il laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru ... TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-ĠORDAN

ta' ...

dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan 2021-2027

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-ĠORDAN,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa waħdau r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan min-naħa l-oħra,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fl-24 ta’ Novembru 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Mejju 2002.
- (2) L-Artikolu 91 tal-Ftehim jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan li jieħu deċiżjonijiet xierqa għall-finijiet li jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 101 tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u għandhom jaraw li jintlaħqu l-oġettivi stipulati fil-Ftehim.

- (4) Ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ippropona fażi ġdida ta' involviment mas-sħab, li tippermetti sens akbar ta' sjieda miż-żewġ naħat;
- (5) L-Unjoni Ewropea u l-Ġordan qablu li jikkonsolidaw is-sħubija tagħhom billi qablu fuq sett ta' prioritajiet għall-perjodu bejn l-2021 u l-2027 (il-“Prioritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan 2021-2027”) bil-għan li jappoġġaw u jsaħħu r-reżiljenza u l-istabbiltà tal-Ġordan filwaqt li jfittxu wkoll li jindirizzaw l-impatt tal-kunflitt fis-Sirja li issa ilu għaddejż żmien twil.
- (6) L-Unjoni Ewropea u l-Ġordan qablu dwar it-test tal-Prioritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan 2021-2027, li se jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim, b'enfasi fuq il-kooperazzjoni fir-rigward tal-interessi identifikati b'mod komuni bejniethom,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan jirrakkomanda li l-Partijiet tal-Ftehim jimplimentaw il-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan 2021-2027 kif stipulat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni*.

Artikolu 2

Il-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan 2021-2027 jissostitwixxu l-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Ġordan maqbula permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2016 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan¹.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi xx, jum xahar sena.

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni
bejn l-UE u l-Ġordan
Il-President*

* Delegazzjonijiet: araw id-dokument st 8039/22 ad01.

¹ Id-Deċiżjoni Nru 1/2016 tal Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar qbil fuq il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan (ĠU UE L 355, 24.12.2016, p. 31).